**MALTA**

**Fit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva**
**Maġistrat**
**Dr. Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Rikors Nru. 154/2012VG**

**XXX**

**Vs**

**Kummissarju tat-Taxxa u Dwana**

**Illum 29 ta' April 2025**

**It-Tribunal,**

Ra r-Rikors ippreżentat mis-soċjetà XXX fit-23 ta' Mejju 2012, permezz ta' liema titlob li t-Tribunal iħassar u jirrevoka l-istimi maħruġa fil-konfront tagħha mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud għall-perijodi ta' taxxa 01.08.06-31.10.06, in kwantu rigwarda Output Tax u Input Tax, inkluż sorte, imgħax u taxxa addizzjonali, **u** 01.11.08-31.01.09, in kwantu rigwarda Output Tax biss, inkluż sorte, imgħax u taxxa addizzjonali, bl-ispejjeż kontra l-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud;

Ra d-dokumenti annessi mar-Rikors promotur markati Dok. "JC1" sa' Dok. "JC4" a fol. 6 sa' 11 tal-proċess;

Ra r-Risposta tad-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud) permezz ta' liema fl-ewwel lok jippremetti li t-titolu ta' Kummissarju dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud inbidel għal Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud) skond l-Att XXII ta' l-2011 u b'hekk jitlob li ssir il-korrezzjoni opportuna fl-okkju tal-proċeduri, u fil-mertu, jopponi għall-appell tas-soċjetà Rikorrenti mill-istimi maħruġa fil-konfront tagħha għall-perijodi ta' taxxa 01.08.06-31.10.06 u 01.11.08-31.01.09 u jitlob li l-istess jiġi miċħud, bl-ispejjeż kontra tagħha, u minflok l-imsemmija stimi jiġu ikkonfermati stante li l-likwidazzjoni ta' taxxa magħmula minnu hija ġusta;

Ra d-dokumenti annessi mar-Risposta tad-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud) markati Dok. "A" sa' Dok. "G" a fol. 26 sa' 118 tal-proċess;

Ra l-affidavits ta' Albert Scerri, Joseph Camilleri u Joseph Scerri markati Dok. "CB1" sa' Dok. "CB3" u d-dokumenti annessi magħhom esebiti mis-soċjetà Rikorrenti

permezz ta' Nota ppreżentata fit-3 ta' Diċembru 2012 a fol. 131 sa' 246 tal-proċess, sema' x-xhieda ta' Karmenu Vassallo mogħtija waqt is-seduta tas-16 ta' April 2013[1] u x-xhieda ta' Albert Scerri mogħtija waqt is-seduti tal-5 ta' Novembru 2013[2] u tas-6 ta' Frar 2014[3], sema' x-xhieda ta' Joseph Scerri mogħtija waqt is-seduta tas-6 ta' Frar 2014[4] u x-xhieda ta' Lorraine Dimech, in rappreżentanza tad-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud), mogħtija waqt is-seduti tal-5 ta' Mejju 2014[5], tat-22 ta' Ġunju 2015[6] u tat-18 ta' Lulju 2016[7], sema' x-xhieda ta' Emanuel Fenech[8] u ta' Joseph Saliba[9] mogħtija waqt is-seduta tal-5 ta' Mejju 2014 u x-xhieda ta' Michael Pace Ross, Direttur Ġenerali tan-National Statistics Office, mogħtija waqt is-seduta tat-13 ta' Ġunju 2014[10], sema' x-xhieda ta' Noel Borg, in rappreżentanza tal-Kummissarju tat-Taxxi, mogħtija waqt is-seduti tat-22 ta' Ġunju 2015[11] u tat-18 ta' Lulju 2016[12], ra d-dokumenti, ossia Audit Trail tat-transazzjonijiet li saru mis-soċjetà Rikorrenti fis-sena 2006 u fis-sena 2008, esebiti mill-imsemmija soċjetà permezz ta' Nota ppreżentata fit-18 ta' Frar 2016 a fol. 318 sa' 348 tal-proċess u ra d-dokument markat Dok. "ABX" esebit mis-soċjetà Rikorrenti permezz ta' Nota ppreżentata fit-18 ta' Lulju 2016 a fol. 344 u 345 tal-proċess, ra n-Nota ppreżentata mis-soċjetà Rikorrenti fit-3 ta' Awwissu 2018 a fol. 357 u 358 tal-proċess u ra l-affidavit ta' Lorraine Dimech ippreżentat mill-Kummissarju tat-Taxxi permezz ta' Nota ppreżentata fl-20 ta' Ottubru 2016 a fol. 362 sa' 365 tal-proċess;

Ra n-Nota ta' Sottomissjonijiet tas-soċjetà Rikorrenti a fol. 366 sa' 369 tal-proċess u in-Nota Responsiva tal-Kummissarju tat-Taxxi a fol. 372 sa' 383 tal-proċess. Ra r-Replika tas-soċjetà Rikorrenti a fol. 387 sa' 389 tal-proċess;

Ra l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkonsidra:**

Fil-25 ta' April 2012 id-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud) ħareġ stimi fil-konfront tas-soċjetà Rikorrenti għall-perijodi ta' taxxa 01.11.05-31.01.06, 01.05.06-31.07.06, 01.08.06-31.10.06, 01.05.07-31.07.07, 01.05.08-31.07.08, 01.08.08-31.10.08, 01.11.08-31.01.09 u 01.11.09-31.01.10[13]. L-imsemmija soċjetà ħassitha aggravata bil-ħruġ tnejn mill-istimi hekk maħruġa fil-konfront tagħha, u cioè l-istimi għall-perijodi ta' taxxa **01.08.06-31.10.06**[14] u **01.11.08-31.01.09**[15], permezz ta' liema d-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud), illum Kummissarju tat-Taxxa u Dwana, jesiġi għall-perijodu ta' taxxa 01.08.06-31.10.06 ħlas tas-somma ta' €9,879.29 bħala taxxa, flimkien mas-somma ta' €1,975.86 rappreżentanti taxxa amministrattiva u s-somma ulterjuri ta' €5,252.48 rappreżentanti imgħax u għall-

[1] Fol. 250 u 251 tal-proċess.
[2] Fol. 254 sa' 259 tal-proċess.
[3] Fol. 261 sa' 263 tal-proċess.
[4] Fol. 264 sa' 268 tal-proċess.
[5] Fol. 276 sa' 284 tal-proċess.
[6] Fol. 303 sa' 310 tal-proċess.
[7] Fol. 346 sa' 352 tal-proċess.
[8] Fol. 285 sa' 287 tal-proċess.
[9] Fol. 288 sa' 290 tal-proċess.
[10] Fol. 294 u 295 tal-proċess.
[11] Fol. 311 sa' 315 tal-proċess.
[12] Fol. 353 sa' 356 tal-proċess.
[13] Fol. 26 sa' 33 tal-proċess.
[14] Fol. 28 tal-proċess.
[15] Fol. 32 tal-proċess.

perijodu ta' taxxa 01.11.08-31.01.09 ħlas tas-somma ta' €3,553.80 bħala taxxa, flimkien mas-somma ta' €710.76 rappreżentanti taxxa amministrattiva u s-somma ulterjuri ta' €986.05 rappreżentanti imgħax - komplessivament ammontanti għal **€22,358.23**, u interponiet dan l-appell minnhom.

Hija titlob li t-Tribunal iħassar u jirrevoka l-imsemmija stimi għall-perijodi ta' taxxa 01.08.06-31.10.06 u 01.11.08-31.01.09 u dana billi għall-istima għall-perijodu ta' taxxa 01.08.06-31.10.06 iħassar u jirrevoka l-imsemmija stima f'dak li jirrigwarda Output Tax u Input Tax, inkluż is-sorte, imgħax u taxxa addizzjonali, u għall-istima għall-perijodu ta' taxxa 01.011.08-31.01.09 iħassar u jirrevoka l-imsemmija stima f'dak li jirrigwarda Output Tax biss, inkluż is-sorte, imgħax u taxxa addizzjonali.

Is-soċjetà Rikorrenti tibbaża l-appell tagħha mill-istimi maħruġa kontriha għall-perijodi ta' taxxa 01.08.06-31.10.06 u 01.11.08-31.01.09 fuq is-segwenti aggravji: *l-imsemmija assessments ma nħarġux kif titlob il-liġi u dana peress li l-assessments tal-Kummissarju tat-taxxa dwar il-Valur Miżjud ħarġu maħduma mod skorrett u dan kif ser jiġi spejgat:*

***Dwar l-assessment għall-perijodu mill-1 ta' Awwissu 2006 sal-31 ta' Ottubru 2006***. *<u>Dwar l-Output VAT</u> - L-assessment tad-Dipartiment tat-taxxa fuq il-Valur Miżjud għall-perijodu mill-1 ta' Awwissu 2006 sal-31 ta' Ottubru 2006 jitlob is-somma ta' €9,878.29, liema somma hija rappreżentanti €8,638.20 f'output tax u €1,241.09 f'input tax. Illi din is-somma l-intimat wasal għaliha billi ħadem it-taxxa allegatament dovuta fuq it-turnover tal-kumpanija hekk kif jirriżulta mill-audited accounts tagħha, liema accounts juru ċ-ċifra ta' €63,801.54 (Lm27,390). Illi dawn il-komputazzjonijiet huma ħżiena u dana peress li għalkemm mill-audited accounts it-turnover tal-kumpanija jirriżulta li huwa €63,801.54, it-turnover ta' bejgħ li kellha l-kumpanija kien ta' €7,896.58 (Lm3,390) <u>biss</u> u għalhekk is-somma dovuta f'taxxa fuq il-valur miżjud hija ta' 18% fuq dan l-ammont u cioè s-somma ta' €1,421.38 (Lm610) u mhux dik is-somma kif mitluba mill-intimat fl-assessment maħruġa minnu. Illi għalkemm it-turnover tal-kumpanija huwa ta' €63,801.54 komplessivament, mhux kollu kemm hu huwa soġġett għall-intaxxar mill-intimat u dana peress li huwa magħmul minn diversi valuri li mhumiex soġġetti għall-intaxxar mill-intimat kif ser jiġi spjegat. Illi fil-fatt is-somma ta' €63,801.54 hija magħmula mis-segwenti u cioè: a. €7,896.58 li jikkonsisti f'bejgħ fuq liema hemm taxxa fuq il-valur miżjud ta' 18% - liema taxxa tammonta għal €1,421.38. Dan l-ammont kien ġie ddikjarat fil-VAT Retruns tal-kumapnija u huwa taxxabbli. b. €34,940.60 konsistenti f'bejgħ ta' prodotti esportati lejn il-Jordan - fuq liema ma hemm l-ebda VAT dovut (dan kif jidher minn Dok JC2 anness[16]). c. €20,964.36 konsistenti f'interessi fuq bejgħ ta' vetturi li kienu koperti b'kambjali, liema bejgh ta' vetturi kien sar qabel - dawn l-interessi ma hemmx VAT dovut fuqhom. (Dan kif jidher minn Dok JC2 anness[17]) Illi huwa għalhekk li l-unika taxxa fuq il-valur miżjud li kienet dovuta mis-soċjetà rikorrenti kienet dik li kellha tinħadem fuq l-ammont komplessiv ta' €7,896.58 u cioè s-somma ta' €1,421.38 u mhux dik is-somma oħra mitluba fl-assessment. <u>Dwar l-Input Vat</u> - Illi l-kalkoli tad-dipartiment huma wkoll żbaljati fejn jidħlu kalkoli a fini ta' input VAT, meta fl-assessment tiegħu d-dipartiment tat-taxxa fuq il-valur miżjud ippremetta li s-somma ta' €1,241.09 hija*

[16] Fol. 7 tal-proċess.
[17] Fol. 7 tal-proċess.

*dovuta bħala input VAT jew VAT fuq ix-xiri. Illi dan huwa żbaljat u dana peress li l-input VAT fis-somma ta' €1,241.09 lanqas ma hija dovuta mis-soċjetà Rikorrenti u dana peress li l-input VAT mitluba mill-intimat intalbet fuq invoice regolari li nħarġet minn Carmelo Vassallo u dan kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' dan l-Appell. Għal dawn il-motivi l-assessment u l-kalkoli tal-Kummissarju tal-Valur Miżjud sia fir-rigward ta' Output u Input VAT kif kontenuti fl-assessment għall-perijodu mill-1 ta' Awwissu 2006 sal-31 ta' Ottubru 2006 huma żbaljati u s-soċjetà rikorrenti għandha interess li l-imsemmi assessment tiġi mħassra u rrevokata, inkluż magħha l-ammont dovut f'taxxa amministrattiva u imgħax skond l-istess assessment.*

***Dwar l-assessment għall-perijodu mill-1 ta' Novembru 2008 sal-31 ta' Jannar 2009.*** *L-assessment tad-Dipartiment tat-taxxa fuq il-Valur Miżjud għal dan il-perijodu huwa wkoll żbaljat u dana peress li għal darb' oħra reġa' nħadem fuq it-turnover ddikjarata fl-audited accounts tas-soċjetà rikorrenti, meta mhux it-turnover kollu jkun soġġett għall-intaxxar mill-intimat. L-assessment ta' l-intimat hu ta' output vat ta' €3,448.98c u input vat ta' €104.82c liema input vat is-soċjetà rikorrenti qed taċċetta li huwa dovut lill-intimat u għalhekk ma hemmx kontestazzjoni fuqu kif ukoll taxxa amministrattiva ta' €986.05c. Il-kontestazzjoni hija fuq l-output vat ta' €3,448.98c. Dwar l-output VAT - L-output vat ta' €3,448.98c hu mibni fuq premessa falza għax kull ma għamel l-intimat kien li ħa it-turnover ta' l-Audited Accounts tas-sena 2008 li hu ta' €19,161 u għamel 18% fuqu (€3,448.98). Dan għamlu għax fir-returns tal-vat is-soċjetà rikorrenti kienet iddikjarat €0 bħala bejgħ u għalhekk l-intimat irraġuna li ma kienetx iddikjarat dan il-bejgħ meta dan mhux veru xejn għax it-turnover skond l-Audited Accounts hu kollu interessi fuq kambjali ta' vetturi li l-kumpanija kienet biegħet snin qabel u fuq interessi ma hemmx vat. Dawn l-interessi jistgħu jiġu ntraċċati mill-Audit Trail ta' l-accounts tal-kumpanija. (Dok JC3 dikjarazzjoni ta' l-awditur tas-soċjetà rikorrenti li turi dan[18]). Illi jsegwi għalhekk li kull interessi w imgħaxijiet fuq dan l-ammont lanqas ma huma dovuti. Dwar l-input VAT - Kif gia ingħad, skond l-assessment s-soċjetà rikorrenti għandha tħallas is-somma ta' €104.82. Dwar dan l-ammont ma hemm l-ebda kontestazzjoni. Lanqas ma hemm kontestazzjoni fuq is-somma ta' €710.76 rappreżentanti taxxa amministrattiva u s-somma ta' €986.05 rappreżentanti imgħax fuq l-istess ammont[19].*

Id-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud), illum Kummissarju tat-Taxxa u Dwana, jopponi għall-appell tas-soċjetà Rikorrenti mill-istimi maħruġa fil-konfront tagħha għall-perijodi ta' taxxa 01.08.06-31.10.06 u 01.11.08-31.01.09 u jitlob li l-istess jiġi miċħuda u minflok l-imsemmija stimi jiġu kkonfermati stante li *l-Artikolu 19(1) tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta jistabilixxi s-segwenti: 19(1) It-taxxa li għandha titħallas fuq kull provvista taxxabbli, ħlief għal provvista li għaliha jirreferi s-subartikolu (2), għandha tkun bir-rata ta' tmintax fil-mija tal-valur taxxabbli tal-provvista. Illi l-attività ekonomika tas-soċjetà appellanti ma taqax taħt is-subartikolu 19(2) hawn fuq imsemmi. Illi s-soċjetà appellanti, f'ebda mument ma ġabet prova suffiċjenti li tikkjarifika l-posizzjoni tagħha fejn jidħol il-bejgħ, cioè d-diskrepanza li rriżultat bejn id-dikjarazzjonijiet fil-Financial Statements mad-denunzji tagħha. Illi d-dritt li persuna taxxabbli titlob ir-rifużjoni*

[18] Fol. 11 tal-proċess u d-dokument huwa Dok. JC4 u mhux Dok. JC3 kif erronejament indikat mis-soċjetà Rikorrenti.
[19] Para. B tar-Rikors promotur a fol. 2 sa' 4 tal-proċess.

*mhuwiex wieħed awtomatiku imma hu marbut ma' dak li jistipulaw l-10 u t-12-il Skeda tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta. Illi fil-verifika tal-fatturi rigwardanti x-xiri tar-rikorrent irriżulta li dawn kellhom xi mankanza, jew għax ma jinqrawx jew għax huma Request for Payment, jew għax m'għandhomx in-numru tal-VAT u għax ma jkoprux l-ammont tal-VAT rikjesta. Dawn il-mankanzi jmorru kontra l-Iskedi msemmija fil-paragrafu ta' qabel u d-Direttur Ġenerali ma setax iħalli ir-rikorrent jeżerċità dan id-dritt.*

Apparte l-eċċezzjoni fil-mertu, id-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud) ippremetta wkoll li t-titolu ta' Kummissarju dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud inbidel għal Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud) skond l-Att XXII ta' l-2011 u b'hekk talab li ssir il-korrezzjoni opportuna fl-okkju tal-proċeduri. Tali korrezzjoni baqgħet qatt ma saret tul is-smigħ tal-proċeduri, liema nuqqas ma jikkomporta l-ebda nullità fil-proċeduri iżda t-Tribunal iqis li jkun f'loku li din is-sentenza tkun tirrifletti l-leġittimu kontradittur attwali tas-soċjetà Rikorrenti sabiex ma jkunx hemm tfixkil jew diffikultajiet fl-eventwali esekuzzjoni ta' l-istess.

Għalkemm fiż-żmien meta ġew ippreżentati l-proċeduri odjerni, kif ġustament osservat mid-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud), l-intimat f'dawn il-proċeduri kellu jkun l-imsemmi Direttur Ġenerali u mhux il-Kummissarju dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, illum l-entità responabbli mid-Dipartiment tat-Taxxa u li tieħu ħsieb kull kwistjoni dwar id-determinazzjoni tal-kwistjnojiet tat-taxxa ta' xi persuna taħt l-Atti tat-Taxxa (inkluż għalhekk l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta) huwa l-Kummissarju tat-Taxxa u Dwana, u għaldaqstant kull korrezzjoni għandha tirrifletti dan il-fatt.

In effetti l-korrezzjoni fl-okkju tal-proċeduri fil-fatt saret permezz ta' Digriet mogħti illum stess qabel l-għoti ta' din is-sentenza u d-Difensur tal-Kummissarju tat-Taxxa u Dwana tat ruħha b'notifikata bir-Rikors promotur kif korrett u fiċ-ċirkostanzi irrinunzjat għal kwalunkwe eċċezzjoni dwar it-terminu tal-preżentata ta' l-istess Rikors promotur.

Il-bażi ta' l-istimi maħruġa fil-konfront tas-soċjetà Rikorrenti, inkluż għalhekk l-istimi mertu ta' dawn il-proċeduri, u cioè l-istimi għall-perijodi ta' taxxa 01.08.06-31.10.06 u 01.11.08-31.01.09, tirriżulta mill-Investigations Audit Report imħejji mill-Ispettur tad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud Lorraine Dimech[20] u mir-Review Report imħejji mir-Review Officer Noel Borg[21].

Mill-Investigations Audit Report jirriżulta li Lorraine Dimech ikkonstatat u ikkonkludiet is-segwenti: ***General Overview of taxpayer's business** - XXX Ltd (C 7280) started operating the business in February 1985. The company registered for VAT purposes in January 1995 under NACE Code 5030, sale of motor vehicles, parts and accessories. The activity however diversified in the last years to phase out the business by trading in furniture previously owned by CBR Ltd, and construction material deriving from, later referred to in this report, as 'barter agreements'. The Director of the Company is Mr. Joseph Camilleri bearing ID No. 626355M. Mr. Camilleri is also Director of CBR Ltd and Davide Ltd. According to the Risk Analysis*

[20] Dok. "F" a fol. 51 sa' 58 tal-proċess.
[21] Dok. "G" a fol. 116 sa' 118 tal-proċess.

*Application (within the VAT 99 system), no inspections were carried out ever since. Also the Account Enquiry does not report any VIES supplies and acquisitions by and from XXX Ltd. The NSO Intrastat systems reports only 1 transaction in the period under investigation. This consists of the sale of parts and accessories to Jordan amounting to €7,918.00.* ***Scope of investigation*** *- The tax periods under investigation are from 01/08/2005-31/07/2011. However, this investigation covers from 01/11/2005 to 31/07/2011 as the first tax period is time-barred...* ***Accounting Records*** *- Accounting records were presented by the authorised accountant Mr. Albert Scerri (ID No. 304046(M)). The accounting records included the Financial Statements covering the years from 2005 to 2010. These were compared to the VAT declarations. Turnover as per Trading Accounts do not tally with VAT declarations. The purchases ledgers, sale ledgers and respective invoices were also presented by accountant. The purchases and sales ledgers presented tally with vat returns, however, the purchase invoices do not cover all the Input VAT claimed. Discrepancies were cited in tax periods covering 01/11/2005-31/01/2006; 01/05/2006-31/07/2006; 01/05/2008-31/07/2008; and 01/08/2008-31/10/2008 respectively. As regards to the Bank statements taxpayer insisted that there were no Bank accounts related to the economic activity. Although requested several times to produce a statement in this regard from the 2 main banks (BOV and HSBC), Mr. Scerri produced a declaration from BOV stating that the company had one loan account but failed to produce the declaration from HSBC as he did not have a response yet. When asked regarding the price lists, Mr. Scerri stated they used to have a computerised system but unfortunately the premises were flooded by heavy rainfall. This statement was already made in a credit control inspection carried out in July 2007. When asked how the prices were calculated, Mr. Scerri stated that these were being dealt with as per his advice. He confirmed that the gross profit margin varied from 25% and 30%.* ***Findings*** *- A trading account analysis was carried out. This resulted amongst other things in a negative gross profit mark-up during the years. Also, a discrepancy between the sales declared in the Vat returns and the Profit and Loss accounts during the years 2006 and 2008 was cited. ... On our first meeting held with Mr. Scerri at this Department on 07/09/2011, we confronted Mr. Scerri with the resultant negative "gross profit mark-ups". He argued that the company is in a bankrupt stage and they started the process of liquidating the company. This statement was again put forward as during the afore-mentioned credit control exercise as at red 43. At this stage a statement from the liquidator was requested and was duly presented by Mr. Joseph E. Scerri. Also, he argued that the gross profit margins mentioned earlier (25% and 30%) resulted when the company was in full swing. A number of exercises were carried out to verify the Output and Input VAT declared in the VAT returns for the periods under investigation. These are as follows:*

***Sales - Output VAT declared*** *- Mr. Scerri maintained that the stock was sold at a loss and exported to Jordan. However, upon checking the Vat returns, this was not found as exempt with credit/exports. He also stated that transport was taken care of by the company in question. Invoice supplied by Ocean Supplies - Shipping Agency was addressed to XXX therefore it is to be considered as export and no further action is deemed to take place in this regard. The sale according to the sales invoices presented for this particular transaction amount to 15,000 but no currency was quoted. Although Mr. Scerri contended that those were in Maltese Lira, the NSO*

*declaration show otherwise. NSO declarations read €7,918 or Lm3,399. Since the Customs Export document was not presented to support this transaction, the amount as declared by taxpayer/representative (with the NSO i.d. €7,918) is to be added as exports in its respective tax period (01/02/2006-30/04/2006); since this transaction was totally omitted from the VAT returns. Another exercise was carried out to compare the sales declared in the Profit & Loss accounts and the sales reported in the VAT returns. In the year 2006 the Profit & Loss Account read Lm27,390.00. The difference between the sales recorded in the Profit & Loss Account and the sales in the VAT returns results in Lm20,602 or €47,990 (€8,638.20 VAT). Another difference was cited in 2008. The Profit & Loss Account reads €19,161 while the sales in the VAT returns read NIL. This amount should be added as taxable sales, resulting in €3,448.96 VAT. The total under declared sales resulting from this exercise amount to €12,087.18.*

***Audit Trail Exercise** - An audit trail exercise was also carried out in relation to (Phone Connections) - Christopher Camilleri bearing VAT number MT1564-7005 and (Decotex) - Carmelo Vassallo bearing Vat Number MT1420-9717. Mr. Christopher Camilleri (ID No. 277281(M)) happens to be the son of the Director of the company under investigation. Taxpayer was selected on the basis of invoice materiality. Three notices were sent to taxpayer but no documentation was submitted to date. It is to be noted that Mr. Scerri is the same accountant for this taxpayer too. In addition, the invoice pertaining to Carmelo Vassallo (Decotex) was the same format as the invoices issued by XXX Ltd, CBR Ltd and Christopher Camilleri. Besides, the description of goods does not relate to the supplier's economic activity and the VAT number was quoted incorrectly on the invoice. An audit trail exercise was also carried out in the respective file.*

***Purchases - Input VAT claimed** - A credit control exercise was carried out to verify the Input VAT claimed by the company in question. <u>Credit Control Exercise</u> - Ninety five percent of the Input VAT claimed was checked and verified for correctness and completeness. A number of invoices were found not in line with the requisites as per 12$^{th}$ Schedule of the VAT Act. The total discrepancies amount to €3,245.35. Moreover, the invoices presented for this exercise did not cover the total input VAT claimed. These were in tax periods covering from 01/11/2005 to 31/01/2006; and from 01/05/2006 to 31/07/2006; 01/05/2008 to 31/07/2008; and 01/08/2008 to 31/10/2008 respectively. It is to be noted that as stated by Mr. Scerri, part of the stock was bartered with concrete (Euroconcrete Ltd) and bathroom tiles and accessories (Decotex - Carmelo Vassallo). These transactions date back to 1998 as per Mr. Scerri's declaration. Respective invoices were issued accordingly. However, the barter agreement presented covered only Euroconcrete Ltd. Upon aksing Mr. Scerri for an explanation re (Decotex - Carmelo Vassallo) he stated that this was part of another barter agreement between Mr. Vassallo and the Director of the company under investigation. At this stage he was asked to produce a proof of this transaction. Mr. Scerri failed to produce such proof; therefore, invoice is to be deducted as per item 2 of the 10$^{th}$ Schedule of the VAT Act. <u>Capital Expenditure</u> - The capital expenditure invoices were checked and verified. No further action is deemed necessary in this regard. It is to be noted, that due to the fact that the company has not submitted a deregistration form yet, the capital expenditure provisions of LN318/04 do not apply in this case.*

***Conclusions** - In view of the above data analysis, the following conclusions were arrived at:*

- *A correction is be carried out in relation to the exports to Jordan. The amount of Lm3,399 which is equivalent to €7,918 is to be included as exempt with credit/exports sales in tax periods covering from 01/02/2006 to 30/04/2006;*

- *Provisional Assessments are to be raised in the last quarters of 2006 and 2008 to recover €8,638.20 and €3,448.98 Output VAT respectively that should have been declared in the VAT returns.*

- *Provisional Assessments are also to be raised in relation to the over claimed Input VAT. A number of purchase invoices were found not to be in line with the requisites of the 10th and 12th Schedule of the VAT Act. These amount to €3,245.35 input VAT.*

- *No further action is deemed necessary as regards to the capital expenditure in question as the life span (5 years) elapsed.*

Mir-Review Report imħejji mir-Review Officer Noel Borg, jirriżulta li huwa ikkonstata u kkonkluda s-segwenti: ***Review Stage** - During the review stage Mr. Albert Scerri who was representing the company presented invoices which were under dispute and also explained the difference in sales. **Understatement of output VAT** - The under declaration of output VAT were related to two tax periods. These were related to tax periods 01/08/2006-31/10/2006 and 01/08/2008-31/10/2008. In tax period 01/08/2006-31/10/2006 provisional assessment was raised on the difference between the amounts declared in VAT return 01/02/2006-30/04/2006 €7893.57 (Lm3390) Sales declared in VAT returns, €34940.60 (Lm15,000) export including insurance and inland transportation and insurance claim and €20,964.36 (Lm9,000) interests. In a request for correction at red 44, Mr Albert Scerri wrote a letter requesting the VAT Department to include an amount of Lm13,976.24 (Lm6,000) in the VAT return for period 01/02/2006-30/04/2006. This figure is less than the Lm15,000 declared in the Financial breakdown. Mr Scerri also argued that the interests received in that year were related to interests paid by the VAT Department for an Appeal case which was won by the company. According to the data system interests were only paid during the year 2007 and no interests were ever paid in 2006. Mr Scerri did not produce sufficient proof about the export declared. No sales invoices were presented. The only documents produced were invoices issued by Ocean & Sky Logistics but this invoice is not a sufficient proof on the price charged. Therefore the provisional assessment on sales is to be confirmed. Mr Scerri also referred to sales in year 2008. He explained that these were not sale but interests receivables against bills of exchange issued to clients. During the meeting Mr Scerri was verbally asked to submit proof but these were not presented.*

***Overstatement of input VAT** - For the input VAT under dispute Mr Albert Scerri presented invoices as amended or invoices which were not presented during the investigation stage. For tax period 01/11/2005-31/01/2006: Audit assessment is to be revised for €150.76 after Mr Scerri presented invoice related to Maltacom with*

*€2.37. For tax period 01/05/2006-31/07/2006 Mr Scerri presented three fiscal receipts which are unreadable. These cannot be accepted since according to VAT Act transaction between two registered persons a tax invoice is to be issued and if a fiscal receipt issued this has to have VAT registration No. of "the person to whom the relative supply is made" (VAT ACT Twelfth Schedule 4). Provisional assessment is to be confirmed. Tax period 01/08/2006-31/10/2006: for this tax period a provisional assessment on input VAT has been issued related to an invoice issued by C. Vassallo which amounted to €1,241.09 VAT. Since the invoice has aroused suspicion and the audit trail has yet to be concluded it is being recommended that the provisional assessment be confirmed until the necessary verification are concluded. If this results that the invoice is valid a reversal of this invoice is done. For tax period 01/05/2007-31/07/2007: Mr. Scerri presented an invoice produced by GVTH dated 02/07/2007 for €104.82 VAT. An amended invoice produced issued by Dolphin Industrial Services Ltd. is to be accepted and the amount of €337.11 VAT. The original provisional assessment is to be reduced by €441.93 against the invoices presented. Tax period 01/08/2008-31/10/2008: Mr. Albert Scerri presented two invoices which were not originally produced. The amount of VAT is €111.11. Therefore the amount of provisional assessment is to be reduced by €111.11. For tax period 01/11/2008-31/01/2009: the provisional assessment is to be confirmed. The invoice submitted is not related to this tax period but to tax period 01/02/2010-30/04/2010. In tax period 01/11/2009-31/01/2010: the provisional assessment is to be confirmed. Again Mr. Scerri presented invoice which does not belong to this tax period. Tax period 01/05/2008-31/07/2008 is to be confirmed since no documents were produced.*

Mill-imsemmija żewġ rapporti huwa evidenti li l-istimi mertu ta' dawn il-proċeduri in kwantu rigwarda **l-element ta' Output Tax** inħarġu minħabba diskrepanza li irriżultat bejn it-turnover dikjarat mis-soċjetà Rikorrenti fil-Financial Statements tagħha għas-sena 2006 u għas-sena 2008 u dak minnha dikjarat fid-denunzji tat-taxxa għall-perijodi ta' taxxa relattivi, diskrepanza din li d-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud ħass li ma ġietx debitament u sodisfaċentement spjegata mis-soċjetà Rikorrenti u/jew ir-rappreżentant tagħha.

Is-soċjetà Rikorrenti da parte tagħha tikkontendi li l-istimi in kwistjoni għal dak li jirrigwarda l-element ta' Output Tax huma żbaljati minħabba konsiderazzjoni erroneja li d-Dipartiment għamel tat-turnover dikjarat fil-Financial Statements għas-sena 2006 u għas-sena 2008. Fir-rigward Albert Scerri[22] ddikjara *nikkonferma li nru. 6 tar-risposta tad-Direttur Ġenerali Taxxa fuq il-Valur Miżjud għall-imsemmi Rikors hija skorretta u hija mibnija fuq premessa ħażina min-naħa tad-Direttur Ġenerali għax (1) għar-rigward ta' l-output vat: (a) li mhux veru li hemm diskrepanza ta' ewro 67,151 f'bejgħ meta ikkumpara l-Audited Financial Statement mad-denunzji tal-Kumpanija, dan għaliex il-figura tat-turnover fil-Profit & Loss skond l-Audited accounts tikkomprendi, għar-rigward is-sena 2006: (1) bejgħ bil-vat ta' 18% fl-ammont ta' Lm3,390, ekwivalenti għal ewro 7,896, liema vat ġiet imħallsa lid-Dipartiment tal-VAT; (2) bejgħ għall-barra minn Malta, li m'hemmx vat fuqu, fl-ammont ta' Lm15,000, ekwivalenti għal ewro 34,940.60; u (3) interess, fl-ammont ta' Lm9,000, ekwivalenti għal ewro 20,964. Qed nissottometti Dok 1*[23] *li*

[22] Affidavit markat Dok. "CB1" a fol. 132 sa' 136 tal-proċess.
[23] Fol. 137 tal-proċess.

*huwa Trail Balance għas-sena 2006 fejn f'ref. 4000 jindika sales ta' Lm17,685.47 li hu magħmul minn sales bil-vat, kif ukoll sales export (għax it-tnejn huma sales) kif ukoll ref. 4001 li jindika interessi ta' Lm9,704.53. U għar-rigward is-sena 2008 fl-ammont ta' ewro 19,161 huwa kollu interessi fuq kambjali ta' vetturi li l-kumpanija kienet biegh snin qabel, fuq liema interessi m'hemmx vat. Qiegħed nissottometti Dok 2*[24] *li huwa Trail Balance għas-sena 2008, fejn f'ref. 4001 hemm ammont ta' ewro 19,161.32 bħala interessi. Li mhux veru li d-Direttur Ġenerali ma ngħatax raġuni plawsibbli għal dan. In fatti fil-kors tar-review konna tajna lis-Sur Noel spjegazzjoni dettaljata ta' dan, u fuq rikjesta tas-Sur Borg anke konna tajnieh dokument mill-awditur li kien għamel l-Audited Accounts li t-turnover jikkomprendi: (a) bejgħ bit-18% vat għas-sena 2006 (skond id-denunzja tagħha); (b) export li m'hemmx vat fuqu għas-sena 2006, u (ċ) interess li m'hemmx vat fuqhom għas-snin 2006 u 2008 liema dokumenti qegħdin jiġu annessi bħala Dok 3 u Dok 4*[25]*.*

Fir-rigward tad-dikjarazzjoni ma' l-NSO li kienet tindika esportazzjoni għall-valur biss ta' €7,918, Albert Scerri ddikjara li *d-dikjarazzjoni ma' l-Uffiċċju Nazzjonali ta' l-Istatistika ma saritx mill-Kumpanija, imma mill-klijent waħdu, jiġifieri s-Sur A. Aldbeis, mingħajr ma talab l-għajnuna tagħna. Jekk il-klijent iddikjara valur inqas dan għamilha għar-raġunijiet tiegħu, u cioè minn A. Aldbeis. Aħna lanqas nafu li saret din id-dikjarazzjoni. Però wieħed irid jiġbed l-attenzjoni li dak li wieħed jiddikjara bħala export huwa biss il-valur esportat, imma hemm ukoll spejjeż ta' l-Aġent, spejjeż tal-container, spejjeż tat-trasport tal-container mingħand l-aġent sal-ħanut tagħna u wara sal-port eċċ. Id-Direttur Ġenerali jgħid nikkwota "li jinsab konfuż u jixtieq li jingħata ammont veritier ta' x'ġie esportat, jekk ġie esportat xi stokk". L-ewwelnett ma jistax jgħid, nikkwota "jekk ġie esportat xi stock" għax qed jitfa' dubbju meta huwa stess iddikjara fir-risposta tiegħu li l-informazzjoni li ġabar mill-Uffiċċju Nazzjonali ta' l-Istatistika l-ammont kien ta' ewro 7,918, allura jaf li ġie esportat xi stock. Però wkoll konna tajna tliett invoices rigward dan l-export lil Ms. Dimech u s-Sur Vella, liema invoices qed jiġu annessi bħala Dok 6*[26]*, Dok 7*[27] *u Dok 8*[28]*.*

Id-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud) irribatta għal dawn l-affermazzjonijiet da parte ta' Albert Scerri permezz ta' żewġ fatti li ħarġu mill-kontro-eżami ta' l-istess Albert Scerri u mix-xhieda ta' Lorraine Dimech.

Mill-kontro-eżami ta' Albert Scerri[29] irriżulta li għalkemm is-soċjetà Rikorrenti tikkontendi li fl-2006 kellha b'Lm15,000 f'esportazzjoni, din il-figura qatt ma ġiet dikjarata fil-parti appożita fid-denunzji tat-taxxa tagħha. Lanqas ma saret id-debita korrezzjoni wara li Lorraine Dimech osservat li l-esportazzjoni allegata mis-soċjetà Rikorrenti qatt ma ġiet hekk dikjarata minnha fid-denunzji tat-taxxa tagħha. Fir-rigward in fatti Albert Scerri stqarr *ħa ngħidlek jistgħu jiġru affarijiet bħal dawk imma meta Ms. Dimech semmietli li ma ddikjarajnihomx, għedtilha mela nistgħu nagħmlu correction u fil-fatt kellha ssir il-correction ukoll li ġew dikjarati bħala*

[24] Fol. 138 tal-proċess.
[25] Fol. 139 u 140 tal-proċess.
[26] Fol. 142 u 143 tal-proċess.
[27] Fol. 144 tal-proċess.
[28] Fol. 145 tal-proċess.
[29] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-5 ta' Novembru 2013, fol. 254 sa' 259 tal-proċess.

*exports*. Mistoqsi l-korrezzjoni saritx, Scerri wieġeb *le waqfet hemm għax Ms. Dimech lili ma qaltli xejn iżjed…*

Lorraine Dimech[30], mistoqsija dwar id-dikjarazzjoni magħmula ma' l-NSO, stqarret *l-NSO timtela' jew mill-burdnar jew minn min jieħu ħsieb it-transport. Issa f'każ li ma ħadux ħsieb it-transport tas-XXX, dak ma jistax ikun jitqies bħala export u jiġi taxable għax l-argument kollu hemm qiegħed.* Mistoqsija jekk is-supplier, li fil-każ in eżami kienet is-soċjetà Rikorrenti, huwiex responsabbli, Lorraine Dimech wieġbet *iva, irid ikollu proof of transport li ħareġ mill-pajjiż l-export, plus l-export document. Issa la l-export document ma ġie ppreżentat u l-NSO qed jgħid li mhux hu għamlu, jiġifieri waħda kontra l-oħra.* Tenniet li jekk dawn id-dokumenti ma jsirux mis-supplier, allura n-negozju ma jistax jitqies bħala export. Kompliet tgħid illi *fuq id-dikjarazzjoni ta' l-NSO. Issa ta' l-NSO qiegħda inqas l-ammont, mhux id-dokument li ppreżentaw din l-invoice li urejtni issa*[31] *qiegħda ammont iktar. Issa peress li ppreżentaw dak l-ammont l-NSO, aħna għedna ok hemm it-transport document li ma jindikax eżatti ta' liema transazzjoni hi, hemm l-NSO declaration li ssir mis-supplier stess allura ħadna dak l-ammont li huwa bħala export. Dak jitqies bħala export. Issa jista' jkun illi invoices bħal ma urejtni inti issa, għall-export tista' tagħmel kemm trid u tgħidli dawn mhumiex taxable, però irid ikollok l-export document tad-dwana u t-transport document biex ikunu jitqiesu bħala export. … nerġa' ngħidlek, jekk huwa ħa ħsieb it-transport dan il-foreigner allura mhuwiex għax dak kien l-argument kollu. Allura mhuwiex export, huwa local supply u jiġi taxable kollu. Però aħna bħala Dipartiment ħassejna isma' għandu t-transport document qiegħed hemm u għandu d-dikjarazzjoni ta' l-NSO li hija inqas minn dik li qed jgħid fuq l-invoice. L-invoice seta' għamilha mitt elf. Però m'hemmx export document kontriha. Li hemm ta' l-NSO li jista' jkun għamluha huma.*

Ai termini ta' l-Artikolu 9(1) tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta: *Għandhom ikunu eżentati mit-taxxa - (a) il-provvisti li għalihom tapplika t-Taqsima Wieħed jew it-Taqsima Tnejn tal-Ħames Skeda; (b) l-akkwisti intra-Komunitarji li għalihom tapplika t-Taqsima Tlieta tal-Ħames Skeda; (ċ) l-importazzjonijiet li għalihom tapplika t-Taqsima Erba' tal-Ħames Skeda.* Ai termini tal-Partita I tat-Taqsima Wieħed (Eżenzjonijiet bil-Kreditu) tal-Ħames Skeda tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta kif applikabbli fiż-żmien pertinenti għal dawn il-proċeduri, ossia fl-2006, *din it-Taqsima tapplika għall-provvisti elenkati fiha suġġetti għat-tifsiriet li jinsabu fit-Taqsima Ħamsa - Esportazzjoni u transazzjonijiet simili: (1) Il-provvista ta' oġġetti mibgħuta jew trasportati lejn destinazzjoni barra mill-Komunità mill-bejjiegħ jew għan-nom tiegħu. (2) Il-provvista ta' oġġetti trasportati lejn destinazzjoni barra mill-Komunità mix-xerrej jew għan-nom ta' xerrej mhux stabbilit f'Malta, bl-eċċezzjoni ta' oġġetti trasportati mix-xerrej innifsu għat-tagħmir, għoti ta' karburanti u proviżjoni ta' dgħajjes ta' delizzju u inġenji ta' l-ajru privati jew xi mezzi oħra ta' trasport għall-użu privat. (3) Il-provvista ta' servizzi ħlief għal dawk eżentati taħt il-partita 5, li jikkonsistu f'xogħol fuq oġġetti mobbli akkwistati jew importati bil-għan li jsir dak ix-xogħol fuqhom f'Malta, u trasportati barra l-Komunità mill-persuna li tkun għamlet il-provvista tas-servizzi jew mix-xerrej jekk ma jkunx stabbilit f'Malta, jew għan-nom ta' xi wieħed minnhom.*

---

[30] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-5 ta' Mejju 2014, fol. 276 sa' 284 tal-proċess.
[31] Fol. 62 sa' 65 tal-proċess - li huma għall-valur totali ta' Lm15,000.

Minn dan il-provvediment tal-Liġi joħroġ ċar li anke fejn provvista ta' oġġetti tiġi trasportata barra mill-Komunità mix-xerrej jew minn rappreżentant tiegħu, din għandha titqies bħala eżenti bil-kreditu. Fil-każ in eżami, hekk kif ripetutament affermat mis-soċjetà Rikorrenti tramite x-xhieda ta' Albert Scerri, it-trasport għal barra minn Malta u mill-Komunità tal-provvisti magħmula minnha lil Abdallah Aldbeis sar mill-istess xerrej Aldbeis u mhux minnha. Mid-dokumenti sottomessi mis-soċjetà Rikorrenti jirriżulta li l-provvisti magħmula kienu għal valur komplessiv ta' Lm15,000 iżda, mid-dikjarazzjoni mimlija minn dan Aldbeis ma' l-NSO jirriżulta li huwa ddikjara li ttrasporta għall-Jordan, ossia ġew esportati minn Malta, oġġetti għall-valur ta' **Lm3,399** (Lm7,917.54) **biss** bir-rimanenti oġġetti għall-valur bilanċjali ta' Lm11,601 ma jirriżultawx li ġew esportati barra minn Malta. Is-soċjetà Rikorrenti ma ssottomettiet l-ebda dokument li jipprova li l-oġġetti **kollha** minnha mibjugħa lil Aldbeis ġew esportati barra minn Malta. Għalkemm ippreżentat fattura maħruġa minn Ocean & Sky Logistics datata 24 ta' Marzu 2006, minn din il-fattura waħedha ma jirriżultax il-valur ta' l-oġġetti esportati barra minn Malta u, jiġi ribadit, id-dikjarazzjoni ma' l-NSO marbuta ma' dik l-esportazzjoni tindika valur ta' oġġetti esportati ta' Lm3,399 biss.

Kull esportazzjoni ta' provvisti akkwistati f'Malta u esportati minn Malta għal pajjiż barra il-Komunità - proprio għaliex tali provvisti huma eżenti bil-kreditu - trid tkun debitament sostanzjata minn min jagħmel tali provvista. In effetti kull taxpayer ghandu obbligu impost fuqu ai termini ta' l-Artikolu 48 tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta, kif applikabbli fiż-żmien pertinenti għal dawn il-proċeduri, li *kull persuna reġistrata taxxabbli stabbilita f'Malta għandha żżomm dokumentazzjoni sħiħa u kif imiss tat-transazzjonijiet kollha mwettqa fil-kors jew avvanz ta' l-attività ekonomika tagħha. (2) Kull persuna li tkun suġġetta għat-taxxa fuq xi transazzjoni jew li tidentifika lilha nnifisha bħala persuna reġistrata taħt dan l-Att għall-għan ta' xi transazzjoni, għandha żżomm dokumentazzjoni sħiħa u kif imiss ta' kull transazzjoni bħal dik. (3) Kull persuna taxxabbli u kull persuna legali mhux taxxabbli għandha żżomm dokumentazzjoni sħiħa u kif imiss ta' l-akkwisti intra-Komuniktarji kollha magħmula minnha. (4) Id-dokumentazzjoni li għaliha jirreferu s-subartikoli (1), (2) u (3) għandha tinżamm u tinħażen b'dak il-mod, ikun fiha dawk id-dettalji u tkun dokumentata b'dak it-tagħrif, dokumenti u kontijiet murija fil-Ħdax-il Skeda u dik id-dokumentazzjoni, tagħrif, dokumenti u kontijiet għandhom jinżammu għal żmien ta' mill-anqas sitt snin minn tmiem is-sena li jkollhom x'jaqsmu magħha, jew dak il-perjodu ieħor jew perjodi oħra hekk kif il-Ministru jista' f'każijiet speċjali jordna permezz ta' regolament.* Ai termini tal-Partita 1 tal-Ħdax-il Skeda tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta, kif applikabbli fiż-żmien pertinenti għal dawn il-proċeduri, fost id-dokumenti li taxpayer għandu l-obbligu li jżomm hemm ***kull dokumentazzjoni li jkollha x'taqsam mad-dwana u, fejn japplika, proċedura tas-sisa dwar l-importazzjoni u l-esportazzjoni ta' oġġetti minnha***[32].

Issa fil-każ in eżami s-soċjetà Rikorrenti tikkontendi li din id-dokumentazzjoni dwar l-esportazzjoni ta' l-oġġetti kollha minnha mibjugħa lil Abdallah Aldbeis hija ma għandhiex għaliex ħa ħsieb it-trasport l-imsemmi kompratur Abdallah Aldbeis. Dan ifisser li l-posizzjoni tagħha li tissostanzja bejgħ fl-ammont ta' Lm15,000 skontha

[32] Enfasi tat-Tribunal.

eżenti mit-taxxa, speċjalment fid-dawl tad-dikjarazzjoni ta' l-NSO magħmula, skontha, minn dan Aldbeis, hija ferm iktar prekarja u żgur ma tistax tiġi trattata jew risolta a bażi tas-sempliċi affermazzjoni li d-dikjarazzjoni ma' l-NSO ma saritx minnha iżda mix-xerrej u saret b'dak il-mod għal raġunijiet li jaf biss ix-xerrej, u tieqaf hemm. It-Tribunal fil-fatt josserva li s-soċjetà Rikorrenti fl-ebda stadju, la fil-kors ta' l-investigazzjoni jew fl-istadju tar-Review, u lanqas tul is-smigħ ta' dawn il-proċeduri, ma ttentat tottjeni u/jew tipprovdi spejgazzjoni mingħand dan Aldbeis dwar xi xtara mingħandha, eżattament x'esporta barra minn Malta u dwar id-dikjarazzjoni tiegħu ma' l-NSO li, kif ingħad, tkopri biss parti mill-valur ta' l-oġġetti li skond l-imsemmija soċjetà huwa jidher li akkwista mingħandha.

Din il-kwistjoni lanqas ġiet trattata bil-mod opportun ma' l-NSO. In effetti għalkemm is-socjetà Rikorrenti ħarrket rappreżentant ta' l-NSO u talbet li tiġi ippreżentata dokumentazzjoni dwar export ta' spare parts għall-Jordan fis-sena 2006, id-Direttur Ġenerali ta' l-NSO Michael Pace Ross[33] iddikjara li *l-informazzjoni li aħna ġabrna bħala NSO fit-2006, dik inġabret skond il-Malta Statistics Authority Act, hija kunfidenzjali u personali u biex nirrilaxxjaha jien anke dejjem skond l-Att għandi bżonn ir-written consent tas-XXX u ma jkollix problema nirrilaxxaha.* Insista li kellu bżonn talba formali - u mhux b'sempliċi taħrika jew kunsens verbali - biex tingħata l-informazzjoni mitluba. Minkejja li Michael Pace Ross spjega x'kellu jsir da parte tas-soċjetà Rikorrenti biex l-informazzjoni tingħata u tiġi rilaxxata - ossia li ssir talba formali bil-miktub - ma jirriżultax jekk tali talba saritx, u huwa, jew rappreżentant ieħor ta' l-NSO, qatt ma reġa' tħarrek biex jagħti x-xhieda tiegħu.

Dan ifisser għalhekk li l-unika dikjarazzjoni ma' l-NSO li tirriżulta fil-każ in eżami hija dik magħmula għall-valur ta' Lm3,339 biss u xejn iżjed.

Apparte dan in-nuqqas hemm nuqqasijiet oħra li baqgħu ma ġewx debitament indirizzati mis-soċjetà Rikorrenti biex tirrisolvi din il-kwistjoni fejn hija tgħid li l-oġġetti **kollha** minnha mibjugħa lil Aldbeis ġew esportati barra minn Malta mentri jirriżulta li **parti biss** mill-oġġetti minnha hekk mibjugħa lil Aldbeis ġew esportati barra minn Malta. In effetti mill-provi prodotti rriżulta li s-soċjetà Rikorrenti **qatt** ma ddikjarat dawn l-esportazzjonijiet fil-parti appożita tad-denunzji tat-taxxa tagħha **u** lanqas biss għamlet id-debita korrezzjoni fid-denunzji tat-taxxa meta inġibditilha l-attenzjoni għal dan il-fatt minn Lorraine Dimech.

It-Tribunal ma jistax jifhem kif Albert Scerri jippretendi li n-nuqqas li fid-denunzji tat-taxxa jiġu dikjarati b'Lm15,000 f'bejgħ skontu eżenti għaliex il-provvisti relattivi ġew esportati barra minn Malta u barra mill-Komunità, huma affarijiet li jiġru. Hawn ma aħniex qed nitkellmu fuq sold jew tnejn iżda fuq eluf ta' Liri Maltin f'bejgħ li frankament diffiċilment jitwemmen li dawn ma ġewx dikjarati bi żvista jew għaliex jista jiġri hekk! Fattur ieħor li t-Tribunal ma jistax jifhem huwa n-nuqqas tas-soċjetà Rikorrenti li tagħmel il-korrezzjoni meħtieġa, iktar u iktar meta kien id-Dipartiment stess li ssuġerielha li tagħmel tali dikarazzjoni għall-aħjar interessi tagħha. Albert Scerri assolutament ma għandux raġun meta jgħid li l-korrezzjoni ma saritx għaliex Lorraine Dimech lilu ma qaltlu xejn iżjed fir-rigward. Is-soċjetà Rikorrenti kienet qed tiġi investigata fuq eluf ta' Liri Maltin f'bejgħ mhux dikjarat u per konsegwenza ta'

[33] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-13 ta' Ġunju 2014, fol. 294 u 295 tal-proċess.

Output Tax mhux dikjarata u allura, jekk verament kien hemm parti minn dan il-bejgħ li kien eżenti mit-taxxa fuq il-valur miżjud, kien fl-interess assolut tas-soċjetà Rikorrenti, u tas-soċjetà Rikorrenti biss, li ssir din il-korrezzjoni. Għal raġunijiet li taf hi biss però din il-korrezzjoni baqgħet ma saritx bil-mod opportun.

Is-soċjetà Rikorrenti tikkontendi wkoll li d-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud) kellu, u dan it-Tribunal għandu, jaċċetta l-affermazzjoni tagħha li l-provvisti magħmula lil Abdallah Aldbeis fl-ammont ta' Lm15,000 ġew kollha esportati barra minn Malta lejn il-Jordan u b'hekk eżenti mit-taxxa fuq il-valur miżjud, a bażi tad-dikjarazzjoni magħmula mill-awditur tagħha Joseph Scerri.

Bid-dovut rispett lejn dan Joseph Scerri, it-Tribunal diffiċilment jista' jaċċetta dak minnu dikjarat dwar dawn il-provvisti għar-raġuni li: (i) mix-xhieda tiegħu[34] rriżulta li huwa bbaża d-dikjarazzjoni tiegħu fuq dak li qallu Albert Scerri biss u ma jidhirx li għamel verifiki indipendenti ulterjuri; u (ii) fi kwalunkwe każ dak minnu dikjarat mhux sopportat minn ebda dokument ta' valur probatorju sodisfaċenti, anzi huwa għal kollox kontradett mid-dikjarazzjoni magħmula ma' l-NSO.

Fid-dawl ta' dawn iċ-ċirkostanzi għalhekk, it-Tribunal iqis li d-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud) korrettament, għaliex in verità ma setgħax jagħmel mod ieħor, ma qiesx il-bejgħ kollu da parte tas-soċjetà Rikorrenti lil Abdallah Aldbeis bħala esportazzjoni u b'hekk eżenti mit-taxxa fuq il-valur miżjud.

Is-soċjetà Rikorrenti tikkontendi wkoll li t-turnover dikjarat fil-Financial Statements għas-sena 2006 huwa in parte u għas-sena 2008 huwa kollu magħmul minn imgħaxijiet li hija rċeviet fuq bejgħ ta' vetturi koperti b'kambjali mwettqa snin qabel. Fir-rigward Albert Scerri ddikjara li *r-risposta Nru.10 tar-risposta tad-Direttur Ġenerali mhix veritiera għax konna tajna lis-Sur Borg tlett dokumenti (mhux ittri), iffirmati mill-Awditur tal-Kumpanija li jispjegaw it-turnover għas-snin 2006/2008, ħaġa li hu m'għamilx. Qed nissottometti Dok 9*[35]*, li hija print out tal-lista tad-debituri flimkien ma' l-interessi għar-rigward is-sena 2006, kif ukoll Dok 10*[36] *li hija lista tad-debituri flimkien ma' l-interessi għar-rigward tas-sena 2008. ... Rigward Nru 13 tar-risposta tad-Direttur Ġenerali ngħid li mhux veru li ma tajtx prova suffiċjenti fejn jidħol il-bejgħ għax id-dokumenti mogħtija mill-Awditur tal-Kumpanija jispjegaw il-pożizzjoni tat-turnover. Id-Direttur Ġenerali ma ġabx l-ebda argument għaliex m'għandux jaċċetta d-dikjarazzjoni ta' l-Awditur. Li kieku ried id-Direttur Ġenerali seta' bagħat għall-klijenti li kienu jħallsu l-interessi, ħaġa li hu qatt ma għamel. Ngħid ukoll li fir-review li saret mis-Sur Borg, din kienet superfiċjali għall-aħħar, mhux fil-fond kif kellha tkun u kienet nieqsa minn dokumenti li s-Sur Borg seta' talabna. Qiegħed nissottometti Dok 11*[37] *u Dok 12*[38]*, li huma l-Audit Trails għas-snin 2006 u 2008, liema Audit Trails qatt ma nistgħu jinbiddlu u fihom jindikaw il-bejgħ bil-VAT, l-export u interessi. Ngħid ukoll li Ms. Dimech, is-Vella u s-Sur Borg qatt ma talbuna l-Audit Trails tal-Kumpanija*[39]*.*

---

[34] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tas-6 ta' Frar 2014, fol. 264 sa' 268 tal-proċess.
[35] Fol. 146 sa' 165 tal-proċess.
[36] Fol. 166 sa' 174 tal-proċess.
[37] Fol. 175 sa' 191 tal-proċess.
[38] Fol. 192 sa' 204 tal-proċess.
[39] Affidavit markat Dok. "CB1" a fol. 132 sa '136 tal-proċess.

Da parte tagħha fir-rigward ta' l-imgħaxijiet Lorraine Dimech saħqet li fis-sales u l-purchases ledgers ippreżentati lilha waqt l-investigazzjoni ma rriżultawx imgħaxijiet u fix-xhieda li tat waqt is-seduta tat-18 ta' Lulju 2016[40] xehdet illi *f'paġna 2 tar-rapport tiegħi qed ngħid "the purchases, sales and respective invoices were also by the accountant. The purchases and sales ledgers presented tally with the vat returns". Mela jekk il-vat returns qed jaqblu mal-ledgers mhumiex inklużi l-interessi għax hemm id-differenza mill-financial statements u dan li ser tippreżentaw għalxejn għax mhux ser nagħmlu l-eżerċizzju jiena għax hawn għandi miktub li dakinhar rajthom u qed jaqblu mal-vat returns li ddikjarat il-kumpanija.*

It-Tribunal jistqarr li għandu quddiemu sitwazzjoni xejn feliċi fejn evidentement is-soċjetà Rikorrenti ma jidhirx li żammet il-kotba tagħha - b'mod partikolari s-sales ledgers - kif suppost bil-konsegwenza li ċertu dħul li hija għamlet u li jidher li seta' ma kienx suġġett għat-taxxa fuq il-valur miżjud, ossia imgħaxijiet imħallsa lilha mill-klijenti tagħha (għad illi possibilment suġġett għal taxxi mod ieħor iżda mhux mertu ta' dawn il-proċeduri), ma ġiex hemm dikjarat għad illi jirriżulta dikjarat fl-Audit Trails u fil-Financial Statements għas-snin rilevanti. It-Tribunal ma jistax jinjora l-fatt li s-soċjetà Rikorrenti fil-kors ta' l-investigazzjoni u fl-istadju ta' Review ma ssottomettietx il-provi kollha neċessarji biex tissosstanzja l-kontestazzjoni tagħha għall-istimi maħruġa kontriha għall-perijodi ta' taxxa 01.08.06-31.10.06 u 01.11.08-31.01.09, iżda mill-banda l-oħra lanqas jista' jinjora l-fatt li l-Audit Trails ippreżentati minnha fil-kors ta' dawn il-proċeduri - Audit Trails li d-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud) jidher li ma talabx għalihom - juru dana l-imgħax fl-ammonti minnha stess indikati kemm għas-sena 2006 (Lm9,704.53) kif ukoll għas-sena 2008 (€19,161).

It-Tribunal jagħmel referenza għall-fatt li l-Audit Trails għas-snin 2006 u 2008 ma intalbux mid-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud) mhux biex b'xi mod japprova l-fatt li s-soċjetà Rikorrenti ma żammitx il-kotba tagħha kif suppost u li naqset milli tressaq prova importanti għall-każ tagħha fil-kors ta' l-investigazzjoni kontriha jew imqar fl-istadju tar-review, imma minħabba dak provdut fl-Artikolu 48(5) tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta u dwar jekk l-Audit Trails issa esebiti mis-soċjetà Rikorrenti jistgħux jiġu aċċettati bħala prova valida ai termini tal-Liġi.

L-Artikolu 48(5) tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li: *Il-Kummissarju jista', f'kull żmien matul iż-żmien speċifikat fis-subartikolu (4), jeħtieġ lil kull persuna li tipproduċi, jew jista' jeleva mingħand kull persuna, inkluż terza persuna, id-dokumentazzjoni, dokumenti, konteġġi u data elettronika meħtieġa li jinżammu minnha bis-saħħa ta' dan l-artikolu, u jagħmel kopji tagħhom: Iżda, jekk ikun hemm evidenza li* ***wara li tkun intalbet mill-Kummissarju b'avviż bil-miktub***[41]*, il-persuna tkun naqset li tipproduċi mingħajr skużanti raġonevoli id-dokumentazzjoni, dokumenti, konteġġi u data elettronika sa' tletin jum mid-data tan-notifika ta' dak l-avviż, hija ma tkunx tista' titħalla tipproduċi dik id-dokumentazzjoni, dokumenti, konteġġi u data elettronika fi stadju aktar tard minn meta tkun inħarġet stima jew stimi proviżorji jew quddiem it-Tribunal, jew f'xi Qorti tal-Ġustizzja: Iżda wkoll meta titqiegħed fiduċja fuq xi persuna oħra sabiex din twettaq xi biċċa xogħol, il-fatt li jkun hemm dik il-fiduċja jew xi dewmien jew*

[40] Fol. 346 sa' 352 tal-proċess.
[41] Enfasi tat-Tribunal.

*ineżattezzi mill-persuna li jkollha l-fiduċja ma jitqiesx li hija skużanti raġonevoli għall-għanijiet ta' dan is-subartikolu.*

Huwa evidenti li dak provdut fl-imsemmija dispożizzjoni tal-Liġi japplika biss fejn id-dokumentazzjoni, dokumenti, konteġġi u data elettronika jiġu mitluba bil-miktub mid-Dipartiment u t-*taxpayer* jonqos milli jippreżenta l-istess mingħajr skużanti raġonevoli. Fil-każ in eżami t-talba, wisq inqas bil-miktub, għall-Audit Trails għas-snin 2006 u 2008 jirriżulta li qatt ma saret u għalhekk it-Tribunal iqis li fil-każ in eżami in kwantu rigwarda dawn l-Audit Trails issa esebiti mis-soċjetà Rikorrenti, ma jistax u ma għandux japplika dak provdut fl-ewwel proviso ta' l-Artikolu 48(5) tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta.

Dan ifisser li t-Tribunal għandu jaċċetta l-valur probatorju ta' l-Audit Trails issa hekk esebiti mis-soċjetà Rikorrenti u konsegwentement għandu jaċċetta li minnhom jirriżulta li s-somma ta' Lm9,704.53 mit-turnover indikat fil-Financial Statements għas-sena 2006 u s-somma ta' €19,161 mit-turnover indikat fil-Financial Statements għas-sena 2008, jikkonsistu f'imgħax perċepit mis-soċjetà Rikorrenti f'dawk is-snin u li fuqhom ma hemmx taxxa fuq il-valur miżjud.

Detto ciò t-Tribunal iqis li bin-nuqqas tagħha li tressaq l-Audit Trails in kwistjoni fl-istadju opportun, ossia fil-kors ta' l-investigazzjoni jew ta' l-inqas fl-istadju tar-review, is-soċjetà Rikorrenti tat lok għal sitwazzjoni li setgħat, ta' l-inqas in parte, tiġi evitata. Konsegwentement għalhekk, għal tali raġuni l-imsemmija soċjetà għandha fil-fehma tat-Tribunal, tbagħti l-ispejjeż pertinenti għal dawn il-proċeduri fil-intier tagħhom.

Fid-dawl ta' dan kollu osservat għalhekk jirriżulta li in kwantu rigwarda l-istima għall-perijodu ta' taxxa 01.08.06-31.10.06, l-element ta' Output Tax determinat mid-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud) għandu jonqos biex jiġi rifless il-fatt li s-somma ta' Lm9,704.53 dikjarata fit-turnover tas-soċjetà Rikorrenti għas-sena 2006 kienet tikkonsisti f'imgħaxijiet perċepiti mill-imsemmija soċjetà tul dik is-sena, u in kwantu rigwarda l-istima għall-perijodu ta' taxxa 01.11.08-31.01.09, l-element ta' Output Tax għandu jitħassar fl-intier tiegħu. Madanakollu però l-Output Tax determinata fuq dak l-ammont mill-bejgħ li sar mis-soċjetà Rikorrenti lil Abdallah Aldbeis li ma ġiex aċċettat bħala esportazzjoni, u b'hekk mhux eżenti mit-taxxa, għandha tiġi kkonfermata.

Trattat l-element ta' Output Tax fl-istimi mertu ta' dawn il-proċeduri, jeħtieġ issa jiġi trattat l-**element ta' Input Tax** fl-imsemmija stimi, anzi proprjament fl-istima għall-perijodu ta' taxxa 01.08.06-31.10.06 biss stante li s-soċjetà Rikorrenti qed taċċetta l-element ta' Input Tax determinat mid-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud) fl-istima għall-perijodu ta' taxxa 01.11.08-31.01.09 huwa effettivament minnha lilu dovut.

Kif jirriżulta mill-Investigations Audit Report u anke mir-Review Report, l-element ta' Input Tax determinat fl-istima għall-perijodu ta' taxxa 01.08.06-31.10.06 jirriżulta mill-fatt li l-ammont ta' €1,241.09 dikjarat mis-soċjetà Rikorrenti fid-denunzja tat-taxxa tagħha għal dan il-perijodu ma ġiex aċċettat peress illi l-istess soċjetà ma ressqitx prova sodisfaċenti ta' din it-transazzjoni partikolari. Fl-

Investigations Audit Report ġie kkonstatat illi *upon asking Mr Scerri for an explanation re (Decotex - Carmelo Vassallo) he stated that this was part of another barter agreement between Mr Vassallo and the Director of the company under investigation. At this stage he was asked to produce a proof of this transaction. Mr. Scerri failed to produce such proof; therefore, invoice is to be deducted as per item 2 of the 10th Schedule of the VAT Act*[42] u fir-Review Report ġie konstatat illi *tax period 01/08/2006 -31/10/2006; for this tax period a provisional assessment on input VAT has been issued related to an invoice issued by C. Vassallo which amounted to €1,241.09 VAT. Since the invoice has aroused suspicion* - in kwantu ġie kkunsidrat li l-fattura kellha *format* simili għall-fatturi maħruġa mis-soċjetà Rikorrenti stess - *and the audit trail has yet to be concluded it is being recommended that the provisional assessment be confirmed until the necessary verification are concluded. If this results that the invoice is valid, a reversal of this invoice is done*[43].

Fir-rigward ta' din il-fattura partikolari - ossia fattura maħruġa minn Carmelo Vassallo datata 20 ta' Settembru 2006 - Dok 5 a fol. 141 tal-proċess - Albert Scerri stqarr illi *għar-rigward input vat mhux veru li l-fattura partikulari f'ammont ta' ewro 1,241.09 mhux skond 10 u t-12-il-Skeda tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta. Din il-fattura hija skond il-liġi għax: (a) fuqha jidher l-indirizz u l-Vat No. tas-Supplier cioè C. Vassallo, Għaxaq Bypass, Għaxaq, Vat No. 14209717; (b) kif ukoll l-isem, l-indirizz u l-Vat No. tal-Kumpanija tagħna, XXX Limited, 127, Valley Road, Msida, VAT No. 10257315; (ċ) kif ukoll deskrizzjoni ta' l-oġġetti mibjugħa, l-ammont tax-xiri kif ukoll 18% VAT. Qed nehmez kopja ta' din l-invoice li ġiet ukoll iċċertifikata bħala vera mill-istess Supplier, is-Sur C. Vassallo Dok 5. Konna tajna lil Ms. Dimech u lis-Sur Vella kopja ta' l-istess invoice, iffirmata mill-istess Supplier, li kkonferma li l-invoice hija vera. Sal-lum ma nistax nifhem għaliex id-Direttur qed jgħid li din l-invoice mhix skond il-Liġi.*

Is-soċjetà Rikorrenti ressqet bħala xhud lil Karmenu Vassallo, li fi kliemu stess kien *negozjant fit-textiles u affarijiet li għandhom x'jaqsmu mad-djar kif ukoll fir-rigward ta' bathrooms,* illi kkonferma t-transazzjoni li seħħet bejnu u l-imsemmija soċjetà, ossia huwa pprovda madum kif muri fil-fattura lis-soċjetà Rikorrenti li, bħala ħlas ipprovdietu b'saqqijiet u sufanijiet (hawn it-Tribunal josserva li fl-Investigations Audit Report ġie kkonstatat illi *C&B Auto Parts Ltd (C 7280) started operating the business in February 1985. The Company registered for VAT purposes in January 1995 under NACE Code 5030 sale of motor vehicles parts and accessories.* ***The activity however, diversified in the last years to phase out the business by trading in furniture previously owned by CBR Ltd. and construction material deriving from, later referred in this report, as 'barter agreements'***[44]). Ikkonferma wkoll li b'hekk u b'dan il-mod il-fattura kienet tħallset da parte tas-soċjetà Rikorrenti.

It-Tribunal josserva li d-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud) ma aċċettax l-ammont reklamat mis-soċjetà Rikorrenti bħala kreditu għal Input Tax mhux tant għaliex il-fattura in kwistjoni ma kellhiex id-dettalji meħtieġa skond it-Tnax-il Skeda tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta, iżda iktar fuq il-fatt li kellu dubju dwar il-veraċità

[42] Fol. 57 tal-proċess.
[43] Fol. 117 tal-proċess.
[44] Fol. 53 tal-proċess u enfasi tat-Tribunal.

u awtentiċità tat-transazzjoni stante li din il-fattura kellha l-istess *format* bħall-fatturi maħruġa mis-soċjetà Rikorrenti. In verità l-osservazzjoni tad-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud) dwar il-fatt li l-fatturi maħruġa mis-soċjetà Rikorrenti u l-fattura maħruġa minn Carmelo Vassallo, huma identiċi, hija korretta u dana kif jirriżulta ferm ċar minn sempliċi paragun bejn tali fattura u fatturi maħruġa mis-soċjetà Rikorrenti esebiti fl-atti. Madanakollu però dana l-fatt waħdu ma jistax iwassal għall-konferma li t-transazzjoni ma seħħitx u li dik il-fattura kienet iffabrikata, iktar u iktar meta l-istess Carmelo Vassallo taħt ġurament xehed u kkonferma li t-transazzjoni seħħet u tħallset mis-soċjetà Rikorrenti - affermazzjoni din li ma ġietx kontestata jew kontradetta mid-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud).

Huwa evidenti li d-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud) kien qed jissusspetta xi forma ta' *mala fede* da parte tas-soċjetà Rikorrenti u ta' Carmelo Vassallo a bażi tas-suspett li kellu dwar l-awtentiċità u l-veraċità tal-fattura in kwistjoni, madanakollu però huwa prinċipju ġuridiku assodat illi *għandu dejjem jingħad li wieħed huwa bona fidi, u min jeċċepixxi l-mala fidi għandu jippruvaha*[45], prova li fil-fehma tat-Tribunal id-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud) ma ssodisfax.

Fid-dawl ta' dan kollu għalhekk, it-Tribunal ma għandux triq oħra għajr li jaċċetta bħala korrett il-kreditu għal Input Tax fl-ammont ta' €1,241.09 (Lm532.80) dikjarat mis-soċjetà Rikorrenti fid-denunzja tagħha għall-perijodu ta' taxxa 01.08.06-31.10.06 u per konsegwenza l-element ta' Input Tax determinat mid-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud) fl-istima minnu maħruġa għall-istess perijodu ta' taxxa għandu jiġi imħassar.

It-Tribunal iqis li trattat dan il-punt jeħtieġ jagħmel osservazzjoni dwar il-posizzjoni adottata mis-soċjetà Rikorrenti fir-rigward tat-taxxa amministrattiva u imgħax imposti fuqha bl-istima għall-perijodu ta' taxxa 01.11.08-31.01.09.

Kif già iktar 'l fuq osservat is-soċjetà Rikorrenti għad illi kkontestat l-element ta' Output Tax determinat mid-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud) b'dik l-istima iżda aċċettat l-element ta' Input Tax hemm determinat mill-imsemmi Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud), aċċettat ukoll it-taxxa amministrattiva u l-imgħax hemm imposti fuqha. Din il-posizzjoni tas-soċjetà Rikorrenti ma tistax u ma għandhiex - fid-dawl ta' dak li rriżulta f'dawn il-proċeduri - tiġi sostnuta minn dan it-Tribunal.

L-Artikolu 38 tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta jistabilixxi t-taxxa addizzjonali li għandha tiġi imposta fuq *taxpayer* f'każ ta' dikjarazzjoni bin-nieqes ta' Output Tax u f'każ ta' dikjarazzjoni biż-żejjed ta' Input Tax. F'dan il-każ id-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud) iddetermina li għall-perijodu ta' taxxa 01.11.08-31.01.09, is-soċjetà Rikorrenti kienet kemm iddikajrat Output Tax bin-nieqes kif ukoll Input Tax biż-żejjed u b'hekk għadda biex jimponi t-taxxa amministrattiva relattiva. Madanakollu però ladarba b'din is-sentenza qed jiġi determinat li l-element ta' Output Tax determinat mid-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud) għal dan

[45] Artikolu 532 tal-Kodiċi Ċivili, Kap.16 tal-Liġijiet ta' Malta.

il-perijodu ta' taxxa għandu jitħassar, għandha, per konsegwenza naturali, titnaqqas ukoll it-taxxa amministrattiva imposta fuq is-soċjetà Rikorrenti. In effetti, illum il-Kummissarju tat-Taxxa u Dwana għandu dritt jimponi taxxa amministrattiva biss fuq l-element ta' Input Tax determinat għall-perijodu ta' taxxa 01.11.08-31.01.09.

L-istess argument japplika għall-imgħax impost, liema imgħax għandu jiġi ikkalkolat u impost biss fuq it-taxxa attwalment dovuta, ossia biss fuq l-element ta' Input Tax determinat bl-imsemmija stima għall-perijodu ta' taxxa 01.011.08-31.01.09.

Fid-dawl ta' dan kollu osservat għalhekk jirriżulta li l-appell tas-soċjetà Rikorrenti mill-istimi maħruġa fil-konfront tagħha għall-perijodi ta' taxxa 01.08.06-31.10.06 u 01.11.08-31.01.09 huwa in parte ġustifikat u b'hekk jistħoqq li jiġi milqugħ bil-mod segwenti:

- L-istima għall-perijodu ta' taxxa 01.08.06-31.10.06 għandha tiġi **varjata** billi: (i) mill-element ta' Output Tax determinat mid-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud) jitnaqqas dak il-valur li ġie erronejament kalkolat mill-imsemmi Direttur Ġenerali fuq imgħaxijiet perċepiti mis-soċjetà Rikorrenti tul is-sena 2006 **u** (ii) l-element ta' Input Tax fiha determinat mid-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud) jitħassar u jiġi revokat, (iii) it-taxxa amministrattiva u l-imgħax imposti fuq is-soċjetà Rikorrenti għandhom ukoll jiġu mnaqqsa skond l-aġġustamenti hawn indikati;
- L-istima għall-perijodu ta' taxxa 01.11.08-31.01.09 għandha tiġi **varjata** billi: (i) l-element ta' Output Tax determinat mid-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud) għal tali perijodu ta' taxxa jiġi mħassar u revokat, filwaqt li a bażi ta' ammissjoni tas-soċjetà Rikorrenti (ii) l-element ta' Input Tax fiha determinat mid-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud) jiġi kkonfermat, (iii) it-taxxa amministrattiva u l-imgħax imposti fuq is-soċjetà Rikorrenti għandhom ukoll jiġu imnaqqsa skond l-aġġustamenti hawn indikati.

Għal dawn ir-raġunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi billi **jilqa' in parte** l-appell tas-soċjetà Rikorrenti mill-istimi maħruġa fil-konfront tagħha għall-perijodi ta' taxxa 01.08.06-31.10.06 u 01.11.08-31.01.09 u jordna li:

1. L-istima għall-perijodu ta' taxxa 01.08.06-31.10.06 għandha tiġi **varjata** billi: (i) mill-element ta' Output Tax determinat mid-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud) jitnaqqas dak il-valur li ġie erronejament kalkolat mill-imsemmi Direttur Ġenerali fuq imgħaxijiet perċepiti mis-soċjetà Rikorrenti tul is-sena 2006 iżda, l-Output Tax determinata fuq dak l-ammont mill-bejgħ li sar mis-soċjetà Rikorrenti lil Abdallah Aldbeis li ma ġiex aċċettat bħala esportazzjoni, u b'hekk mhux eżenti mit-taxxa, għandha tiġi kkonfermata, u (ii) l-element ta' Input Tax fiha determinat mid-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud) jitħassar u jiġi revokat, (iii) it-taxxa amministrattiva u l-imgħax imposti fuq is-soċjetà Rikorrenti għandhom ukoll jiġu mnaqqsa skond l-aġġustamenti hawn indikati;
2. L-istima għall-perijodu ta' taxxa 01.11.08-31.01.09 għandha tiġi **varjata** billi: (i) l-element ta' Output Tax determinat mid-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud) għal tali perijodu ta' taxxa jiġi mħassar u revokat, filwaqt li a bażi ta' ammissjoni tas-soċjetà Rikorrenti (ii) l-element ta' Input Tax fiha determinat

mid-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud) jiġi kkonfermat, (iii) it-taxxa amministrattiva u l-imgħax imposti fuq is-soċjetà Rikorrenti għandhom ukoll jiġu mnaqqsa skond l-aġġustamenti hawn indikati.

Għar-raġunijiet mogħtija iktar 'l fuq f'din is-sentenza, l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri għandhom jiġu sopportati interament mis-soċjetà Rikorrenti.

Ai termini tal-Partita 2(4) tad-Disa' Skeda tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta, it-Tribunal jordna li kopja ta' din is-sentenza tiġi notifikata lis-soċjetà Rikorrenti.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**